rrid ngħid u għal dak li nkun inħoss minħabba l-kotra ta' kliem imħallat li fiha.

7. *Xi tfittex li tagħmel meta tikteb rumanz?*
Meta nikteb rumanz infittex il-*plot*, l-ambjent, il-psikoloġija tal-persunaġġi u l-konsistenza tal-karattri tagħhom u li mir-rumanzi joħroġ tagħlim li jista' jservi ta' gwida u esperjenza għaż-żmien ġejjieni.

## Għar Dalam

Ġorġ Borg

F'dan l-għar
fejn il-lejl mingħajr nhar
drajtu sew:

F'dan l-għar
fejn ġa saffi ta' sekli
tgħattew;

F'dan l-għar
fejn bqajt rieqed u rieqed
hawn ġew.

## Poeżija

Ġorġ Borg

Hawn tant enerġija
maħżuna
ġo dal-mikrokożmu ta' vers

li qed nistennieh
li jisplodi
u jsir
univers.



## Kumpliment lil Ilsienna

Dr Charles Briffa

Wara li fl-1971 tana t-traduzzjoni tal-*Hamlet* – biċċa xogħol oħra ta' ħila għaqlija – Ġużè Bartolo issa wasslilna t-traduzzjoni tiegħu tal-Makbett (1997). Mill-ewwel għat-tieni traduzzjoni tinħass maturita' sbejħa fix-xejritet stilistiċi, tant li ta' min iqisu b'traduttur tas-sengħa lil Bartolo. Mal-ewwel nissilli fiduċja li ftit kont se nitlef bil-qari tal-Malti.

It-traduzzjoni tiddependi fuq għarfien lingwistiku u enċiklopediku tad-'dinja vera' ta' Shakespeare. Il-lingwa letterarja hija marbuta mal-kuntest u allura t-traduttur jeħtieġu jsolvi l-ambigwitajiet u d-diffikultajiet li joħloq il-kuntest, jeħtieġlu wkoll ikun jaf il-possibilitajiet li kapaċi joħorġu minn silta. Nieħdu din is-silta biex nifhmu aħjar:

*"Hawn ħajjat Ingliż. Ġie hawn għax seraq id-drapp minn qalziet li ħiet fuq il-moda Franċiża. Ħajjat, għaddi ġewwa; hawnhekk issib fejn issaħħanha l-ħadida tal-mogħdija."* (*Makbett* It-Tieni Att, it-III Xena, V. 13-16)

F'din ix-xena tal-purtinar, imdaħħla biex ittaffi kemmxejn it-tensjoni traġika u toħloq kuntrast li jġagħalna nħossu kemm l-azzjoni tal-ħażen imxiet b'pass mhux normali, ittella' fuq il-palk nota ta' ħajja normali u fl-istess ħin iddoqq nota ironika. Fiha referenzi topiċi: jiġifieri l-purtinar jirreferi għall-ġrajjiet, drawwiet, modi, ċajt ta' żmienu. Is-silta li kkwotajna trid tattakka fuq żewġ naħat: lil dak il-ħajjat ta' żmien Shakespeare li ma jużax drapp biżżejjed biex iħit qalziet u għalhekk ifasslu qasir u ssikkat imma fl-istess ħin lill-klijent iżommlu l-ammont sħiħ ta' dak li suppost nefaq; u lid-drawwa tal-ħajjata Ingliżi li jikkupjaw wisq mill-modi barranin mingħajr ma jkunu oriġinali. Mela fl-ambjent ta' din ix-xena jinħolqu żewġ kuntesti: il-kuntest tal-ħjata u l-kuntest tas-serq jew ta' l-ingann. Issa meta niġu għas-sentenza *"hawnhekk issib fejn issaħħanha l-ħadida tal-mogħdija"*, insibu li din toqgħod sew fil-kuntest tal-ħjata imma ma tixraqx għall-kuntest ta' ingann u serq. Fil-verżjoni oriġinali nsibu *"here you may roast your goose"*. Minnu li *"goose"* tfisser il-ħadida tal-mogħdija tal-ħajjat (għax kellha għamla ta' wiżża), imma l-logħob bil-kliem li l-idjoma Ingliża qed toffri ntilef. Għax fil-kuntest ta' serq u ingann hija referenza